

# L-oriġini tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat tal-Imdina

*Ikompli mal-ħarġa tal-2017*

**Joseph Sultana**



**L-ewwel vari proċessjonali f'Malta**

It-tixrid tal-vari proċessjonali ġie minn Spanja pajjiż Kattoliku ferventi li kien meqjus bħala l-fortizza tal-fidi Kristjana fl-Ewropa. Dan il-pajjiż sab mezz kif ixerred u jkattar it-twemmin Nisrani permezz tal-użu tal-arti. Hekk kellu l-ħila li jikkonverti pajjiżi kolonji tiegħu fl-Amerika Latina permezz tal-*conquistadores* u fl-Ewropa jsaħħaħ il-fidi Nisranija ta' purċissjonijiet drammatizzati. Fil-fatt, Spanja kienet il-pijuniera għall-vari msejħa *imagen de vestin* jiġifieri manikin imlibbsa.[106] Dawn il-manikini mlibbsha bil-ħwejjeġ bl-irjus, l-idejn u saqajn magħmulin mill-kartapesta jew skolpiti fl-injam u anke nsibu magħmulin mill-porċellana mwaħħlin ma' trajbu tal-injam u tiben. Dawn kienu jinbidlu spiss frott il-ħsarat li kienu jġarrbu. Dan ma jfissirx li ma kienx ikun hemm statwi sħaħ tal-kartapesta jew skolpiti fl-injam, il-korp uman ta' Kristu ma setax isir manekin għalhekk kien isir jew tal-kartapesta jew skolpit fl-injam.

Hekk il-poplu fin-nuqqas ta' fidi tiegħu bħala bniedem jara u jħoss qrib tiegħu dik il-figura sagra fit-tbatija tal-passjoni ta' Kristu. Id-dettalji realistiċi fil-figura skolpiti kienu tal-għaġeb, il-feriti u t-tbenġil fil-figura ta' Kristu kienu jġibu ħasra kull min kien jarahom.[107] Darba l-mibki Papa Pawlu VI fl-1964 kien qal, "il-Knisja fil-ministeru tagħha, għandha bżonn l-artisti biex jgħinuha tagħmel viżibbli dak li hu inviżibbli."

Differenza wkoll bejn Spanja u Sqallija hija li filwaqt li dawn il-pajjiżi jinkludu vara jew tnejn b'episodju mill-passjoni ta' Kristu, f'Malta żviluppat purċissjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa b'aktar minn rappreżentazzjonijiet differenti tal-misteru tal-Passjoni skont il-*Via Crucis*. Għalhekk fir-Rabat naraw li qabel l-1662 il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ħadet xejra unika u indipendenti minn dawk il-purċissjonijiet fil-Mediterran.

Hu magħruf li l-purċissjoni tar-Rabat kienet l-ewwel waħda li introduċiet f'pajjiżna l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn kienu tnejn, il-marbut jiġifieri l-flaġellazzjoni ta' Kristu u Sidna Ġesù mejjet impoġġi ġo urna. Dan kien lejn l-aħħar tas-seklu sittax fejn kienu ġew importati minn Sqallija. Hekk naraw li għall-bidu l-purċissjoni kellha xebh kbir mal-purċissjonijiet ġewwa Sqallija fejn kienu u għadhom jużaw żewġ statwi biss waqt il-purċissjoni. Iżda fir-Rabat malajr ġiet l-idea li jkomplu jżidu l-istatwi li jirrappreżentaw episodji mill-*Via Crucis,* għalhekk mal-monument u flaġellazzjoni żdiedet il-vara l-kbira, iżda din parti minnha kienet b'figuri manekini.

Hekk naraw li fl-1668 f'dokument fil-manuskritti tal-Fratellanza ta' San Ġużepp jissemma l-ewwel sett ta' statwi li l-Fratellanza kienet ilha żmien tagħmel id-devozzjonijiet ta' kull nhar ta' Ġimgħa, matul ix-xahar ta' Marzu fir-Randan. F'wieħed mir-reġistri fl-Arkivju jagħtina tagħrif ta' kif kienu jsiru dawn id-devozzjonijiet mill-fratelli ta' din l-Arċikonfraternità antika. Dan id-dokument diġà tkellimna fuqu iżda dan huwa mportanti ħafna għaliex barra li jirreferi fuq id-devozzjonijiet, jagħtina dettalji importanti fuq il-grupp ta' vari li jirrappreżentaw il-misteri tal-passjoni.

Fl-ewwel ġimgħa tar-Randan kif ukoll fil-Ġimgħa Mqaddsa kienu joħorġu l-vara mid-diversi vari li kellhom bl-ewwel waħda ta' Kristu fil-Ġnien tal-Ġetsemani, magħruf bħala "l-Ort." Imbagħad filgħaxija hekk kif tkun nieżla x-xemx kienet issir prietka fuq dan il-misteru, ħafna drabi l-predikatur kien ikun Patri Franġiskan Minuri fejn kien jidħol fil-fond fuq dan il-misteru tat-tbatija ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara l-fratelli kienu jagħmlu d-dixxiplina, din kienet tikkonsisti billi n-nisa u t-tfal joħorġu barra mill-Oratorju tal-Fratellanza (fejn kienu jsiru dawn il-funzjonijiet tar-Randan), u l-fratelli kienu jsawtu lilhom infushom bil-kurdun li jġibu fuq il-konfratija tagħhom, filwaqt li jkantaw is-salm *Miserere* u jgħidu talb ieħor. Dan kien isir bħala att ta' penitenza fejn kien jiġi ripetut kull nhar ta'

Ġimgħat kollha tar-Randan bi statwa differenti. Dawn il-funzjonijiet kienu jikkonkorru għadd kbir ta' nies għalihom.[108]

Dan ifisser li qabel id-data bikrija tal-1668 il-Fratellanza ta' San Ġużepp diġà kellhom sett ta' vari tal-misteri tal-passjoni. Dawn kienu jinkludu *Cristo che fa orazione nell'Orto del Gezzemani, Legato alla Colonna e flagellato, Incoronato di spine, Caricato della Croce, Crocifisso con ai suoi lati la S.S. Vergine, L'Evangelista S. Giovanni e la Maddalena; Cristo morto disteso in una bara riccamente elaborata,* u fl-aħħar *Vergine Desolata sotto la Croce*. Hekk naraw li dan is-sett antik kien ta' seba' vari li fl-ebda pajjiż fejn oriġinaw il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ma kellu l-użanza b'tant statwi li joħorġu minn knisja waħda.[109] Ftit wara żdiedet l-istatwa tal-*Veronica* fejn is-sett komplut sar ta' tmienja u hekk kien baqa' jinħareġ sal-1962 fejn wara ġiet miżjuda l-vara tal-Għaxar Stazzjon.

Aktar qabel kont spjegajt kif l-istatwa tal-marbut kienet ġiet importata minn Sqallija flimkien mal-urna ta' Kristu mejjet fejn id-dokument tal-1700, jgħidilna li din l-urna kienet *riccamente elaborata,* dan ifisser li din l-urna ta' Kristu mejjet kienet ta' valur artistiku kbir u ma kinetx tagħmel għajb għal dik li saret wara. Imma nixtieq nispjega li l-urna l-antika jew il-monument ta' Kristu mejjet li qiegħed ikkonservat ġewwa l-oratorju ta' San Ġużepp mhijiex l-urna l-antika tas-seklu sittax kif ġie miktub kemm il-darba f'kotba u artikli.



*L-urna l-antika li saret bejn l-1760 u l-1767 li qegħdha ikkonservata fl-Oratorju ta' San Ġużepp fir-Rabat*

Iżda din l-urna l-qadima kienet ġiet magħmula bejn l-1770 u ntemmet l-1777 fejn il-*Procura del Venerdi Santo* ġabret flus għall-monument il-ġdid. Din l-urna dejjem kien hemm għajdut żbaljat li din saret ġewwa Sqallija. Tagħrif ieħor ġbartu mill-ex prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira Twanny Ciappara li kien avviċinat mill-artist Carmelo Azzopardi li qallu li kien sema' x-xjuħ jgħidu li d-disinn u l-iskultura saru minn Vincenzo Dimech li aktarx jiġi missier l-iskultur Sigismondo Dimech u z-ziju tal-magħruf skultur l-ieħor Vincenzo Dimech. Dan hu l-aktar famuż mill-familja ta' ħames ġenerazzjonijiet ta' artisti magħrufa. Għaliex qiegħed ngħid dan, għaliex it-tieni Vincenzo twieled fl-1768 meta aktarx il-monument kien ser jibda jiġi skolpit minn zijuh, fejn kienu għadhom jinġabru l-flus għal dan il-monument[110]. Illum instabet dokumentazzjoni b'saħħita mill-moderatur attwali Jeremy Debono li dan l-għajdut kien verament minnu. Fl-arkivju tal-Arċikonfraternità nstab il-kuntratt tan-Nutar Paolo Vittorio Giammalua fejn jissemma Francesco Zahra bħala disinjatur u skolpit mill-aħwa Dimech Francesco u Vincenzo fl-1770 taħt it-tmexxija tal-Prokuratur Beninju Zerafa. Id-disinn ta' din l-urna huwa stil Rokokò, dekorazzjoni elaborata li l-qawmien tiegħu kien fl-Ewropa bejn l-1730-80, dan jagħmel sens għax din ġiet magħmula f'dan il-perjodu. Din ħadet post l-urna tas-seklu sittax li kienet spiċċat fi stat ħażin ta' konservazzjoni minħabba l-qedem tagħha.[111]



## Funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa

### Ħadd Lazzru

F'dan ir-ritratt storiku t-tliet kwadri tal-faċċata jidhru mgħottija. Dan ifisser li f'dik is-sena l-festa ta' San Ġużepp ġiet iċċelebrata f'xi jum matul il-ħmistax-il ġurnata ta' qabel l-Għid billi l-kwadri u s-slaleb "Tal-Kleru" u anke ta' fuq l-artal jidhru mgħottija. Dawn l-kwadri kienu jitgħattew f'Ħadd Lazzru li kien jaħbat ħmistax-il jum qabel il-Għid.

### Il-Purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri

F'dik il-ġimgħa ta' qabel il-purċissjoni tad-Duluri jsiru l-eżerċizzi spiritwali bħala tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-imgħoddi dawn kienu bil-wisq differenti, kienu jkunu tkomplija tal-prietki tal-ġimgħat tar-Randan fejn kienu jsiru żewġ priedki kuljum minn Ħadd sa Ħadd. Fil-knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat fl-antik dawn il-prietki kienu jispiċċaw bil-benedizzjoni tar-relikwija tal-injama tas-salib u l-aħħar prietka bil-barka solenni fejn jitkanta t-Te Deum.

*Id-Duluri fil-purċissjoni tal-1950*



Għalkemm il-Ġimgħa Mqaddsa tkopri t-tmint ijiem bejn il-Ħadd il-Palm u l-Għid il-Kbir, għad-devoti Maltin dan jibda jumejn qabel. Dan imħabba li fil-ġranet tal-ġimgħa tiġi organizzata l-purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri. Din il-purċissjoni hija manifestazzjoni ta' qima u devozzjoni kbira li l-Maltin għandhom għall-Madonna. Fil-knisja Ta' Ġieżu tar-Rabat dan mhux nieqes għax f'din il-knisja nsibu waħda mill-ewwel xbihat tad-Duluri impittra fuq l-injam, id-data u ffirmata mill-artist *Antonello da Messina* ta' 1517. Din id-devozzjoni bdiet wara s-Sinodu ta' Kolonja fil-Ġermanja fl-1423.[112]

Dan sar bħala tpattija tal-ereżija ta' Ġwann Hus. Wara komplewha l-patrijiet Serviti li fl-1668 qalgħu permess mingħand il-Papa biex jiċċelebraw il-festa tas-Seba' Duluri tal-Madonna, fejn in-nies bdew isejħulha l-Addolorata. Fis-seklu sbatax din id-devozzjoni tferxet fi Franza fejn bdiet tkun magħrufa bħala *Dominae Pietate*. Iżda l-akbar kontribut tah il-Papa Benedittu XIII li rreġistra din il-festa fil-kalendarju liturġiku billi fit-22 ta' April 1727 ordna li din il-festa kellha tkun iċċelebrata mill-Knisja Universali. Spanja ħadet din il-breve b'serjetà kbira u bosta slaten tagħha ħadmu biex ikabbru din id-devozzjoni, tant li r-Re Filippu V għamel talba lill-Awtorità Ekkleżjastika biex din il-festa tkun ċelebrata fid-dominju kollu Spanjol mill-1735. Fi Granada d-Duluri bdiet tissejjaħ bħala *Nuestra Senora de Los Agustas*, filwaqt inħawi oħra bdiet tissejjaħ bħala Nuestra *Senora de Solidad*, b'tifkira tas-solitudni tal-Madonna.[113]

F'Malta u Għawdex it-tifkira ta' Maria Addolorata tgawdi l-għożża ta' kull belt u raħal. Din il-festa li taħbat tmint ijiem qabel il-Ġimgħa l-Kbira tqanqal purċissjonijiet u pellegrinaġġi ta' talb, wegħdi u qima lil Sidtna Marija. Fir-Rabat din il-purċissjoni jieħdu sehem folol kbar ta' nies li jakkumpanjaw l-istatwa tad-Duluri li toħroġ mill-knisja Ta' Ġieżu. F'dokument antik tal-1668 fl-arkivju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp jirreferi li din il-purċissjoni kienet ilha ħafna ssir. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet tibda b'quddiesa kantata b'*secondi vespri* u bil-paniġierku. Wara kienet toħroġ il-purċissjoni bil-vara tal-*Vergine Desolata sotto la croce* bis-sehem tal-Fratellanza, il-patrijiet Franġiskani u folla kbira ta' nies, fejn kienet timxi mat-toroq tar-Rabat.[114] Illum għall-grazzja t'Alla din it-tradizzjoni għadha tiġbed folol kbar ta' devoti fir-Rabat u l-inħawi ta' madwar bħal fi żmien l-antik.

### Ħadd il-Palm

Il-Ġimgħa Mqaddsa tibda nhar Ħadd il-Palm meta l-knisja tfakkarna fid-daħla trijonfali ta' Kristu f'Ġerusalemm, il-Vanġelu jew kif l-aktar jissejjaħ il-Passju, jirrakkonta l-Passjoni ta' Kristu. Fl-antik dan kien jitkanta bil-Latin, fejn il-parti tal-poplu kien jitkanta mill-kor fejn kienet tissejjaħ it-Torba.

F'din il-ġurnata ukoll fil-knisja Ta' Ġieżu għadu jintrama d-damask l-iswed, fl-antik kif spjegajna aktar qabel f'Ħadd Lazzru kienu jitgħattew l-inkwatri, is-slaleb u n-niċeċ bi drapp vjola, drawwa li nqatgħet ftit taż-żmien ilu. F'din il-knisja kienu wkoll jgħattu il-kopletti bl-injam fejn anke t-twieqi tal-kursija jgħattuhom bl-ixkejjer miżbugħin suwed biex il-knisja tkompli tiddallam u tieħu xejra ta' swied il-qalb.[115] Fl-antik mal-pilastri tal-knisja kienu jiddendlu kwadri bis-simboli tal-Passjoni u skrizzjonijiet bil-latin.[116] Użanza ferm antika f'din il-knisja li għadha ssir hija li jintrama salib kbir tal-injam imdendel mas-saqaf tal-kor eżatt quddiem l-arzella. Il-vari jkunu armati u lesti f'din il-ġurnata ta' Ħadd il-Palm, imma dari kienu jkunu armati ferm qabel. Illum issir purċissjoni filgħodu mill-knisja Ta' Duna fejn isir it-tberik taż-żebbuġ din tkun milqugħa mill-banda L' Isle Adam. Ix-xjuħ tagħna jirrakkuntaw li fl-antik f'din il-purċissjoni kienu jieħdu sehem ukoll il-fratelli.

Użanza li semmejt aktar qabel u li llum ma għadhiex issir hija li mill-Katidral tal-Imdina kien joħroġ il-Kapitlu Metropolitan f'purċissjoni mill-Katidral fejn jitkanta l-Passju ta' San Mattew u jimxu sa ħdejn is-Salib Normann fil-ġnien ta' quddiem l-Imdina, fejn wara jorbtu mas-Salib friegħi taż-żebbuġ. Fl-antik dawn il-friegħi imberkin taż-żebbuġ kienu jitwaħħlu ma' xi nkwatru ta' xi qaddis jew ma' kurċifiss biex ibiegħdu l-għajn ħażina, ħafna drabi kienu jiffumugaw bih, billi jaqtgħu l-friegħi u weraq żgħar u jagħmluhom ġo plattina, jaħarquhom u bid-duħħan ħiereġ iduru kamra kamra u jgħidu xi ġakulatorja biex ibiegħdu l-għajn ħażina mid-dar.[117]

F'din il-ġurnata llum il-quddies ikun iċċelebrat għall-jum il-Missjoni fl-Art Mqaddsa b'risq il-Franġiskani li jgħixu f'dawn is-santwarji qaddisa. Filgħaxija ssir Lejla Mużiko-Kateketika, fejn il-banda L'Isle Adam tagħmel kunċert b'marċi u mużika għal din l-okkażjoni. Wara, fil-każin L'Isle Adam tinfetaħ wirja bl-aċċessorji u l-vestwarju tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

### Wegħdi u Pellegrinaġġi

Fl-1994 l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina ħadet deċiżjoni biex jibda jsir pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa mirakoluża tar-Redentur. Dan għaliex waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kien qiegħed ikun hemm ħafna nies jimxu wara r-Redentur, dan kien isir b'qima u devozzjoni wara li jkunu qalgħu xi grazzja u anke b'wegħdi. Għalhekk biex ma jkunx hemm qtuħ kbir fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minħabba l-kwantita kbira ta' nies wara r-Redentur ittieħdet deċiżjoni biex isir pellegrinaġġ f'ġurnata oħra u kull min għandu xi wegħda jew qala' xi grazzja jieħu sehem biss f'dan il-pellegrinaġġ u mhux fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan kellu jibda fl-1995 iżda dakinhar għamel ħafna maltemp u kellu jitħassar, infatti lanqas id-Duluri f'dik is-sena ma ħarġet. Għalhekk il-pellegrinaġġ penitenzjali sar għall-ewwel darba fl-1996 fejn il-fratelli ta' San Ġużepp u l-patrijiet Franġiskani akkumpanjati minn folol kbar ta' nies daru mat-toroq tar-Rabat bl-istatwa mirakoluża tar-Redentur.

### L-Erbgħa tat-Tniebri

Fl-antik il-ġurnata tal-Erbgħa qabel il-Passjoni ta' Kristu kienet tissejjaħ l-Erbgħa tat-Tniebri, *Tenebre* bit-Taljan li tfisser dlamijiet. Kif rajna qabel il-knisja kienet tkun mudlama għal kollox ħlief għal xi tnemnim ta' xi xemgħa għaliex anke t-twieqi u l-kopletti kienu jkunu kollha mgħottijin.

Il-funzjoni ewlenija tal-Erbgħa tat-Tniebri kienet tikkonsisti billi l-patrijiet kienu jkantaw is-Salmi u r-responsorji. Niftakar bħala abbati kont noħroġ fuq il-presbiterju nitfi waħda mix-xemgħat li kien ikun hemm fuq kandelabru kbir magħmul mill-injam f'għamla ta' trijanglu msejjaħ "Barabba" li kien jieqaf permezz ta' sieq kbira. Dan kien ikun armat in-naħa tal-lemin tal-artal inti u tħares lejn is-sagrament. Kull naħa kien ikollu seba' bukkini bix-xemgħat skuri magħmula minn naħal u waħda fil-ponta. Dawn kienu jinxtegħlu malli jibda l-matutin, u wara kull salm tintefa' waħda. It-tliet lezzjonijiet li jitkantaw kienu jissejħu Lamentazzjonijiet. Wara kull waħda kont nitfi xemgħa fejn kont nibda mill-ewwel waħda t'isfel, darba min-naħa u darba minn oħra. Kif jibda l-*Benedictus* tal-Laudi kienu jintfew is-sitt xemgħat tal-artal maġġur. U hekk kif titkanta l-antifona *Traditor* kont noħroġ nitfi l-aħħar xemgħa ta' fuq nett fil-ponta tal-kandelabru msejjaħ "Barabba". Kif iċ-ċelebrant jispiċċa l-aħħar kliem *crucis subire tormentum* kont nidħol niġri ħalli b'kemm niflaħ nagħmel storbju sħiħ ma' sħabi l-abbatini, novizzi u patrijiet fejn kien isir speċi ta' terremot, dan billi kull min ikun preżenti fil-knisja jibda jħabbat is-siġġijiet mal-art dan kien jirrappreżenta t-terremot il-konfużjoni u taqlib li sar fil-mewt ta' Ġesù Kristu fuq is-Salib. Aħna l-abbatini li konna nkunu fil-kor nibdew insabbtu s-sedji tal-kor il-bibien u nħabtu b'saqajna mal-art tal-injam tal-kor u anke nużaw iċ-ċuqlajta. Dan kien joħloq speċi ta' terremot, pandemonju u konfużjoni sħiħa li kienet tispiċċa biss b'xi għajta ta' xi patri biex kulħadd jiskot, iżda dan l-istorbju kien jibqa' jkarkar għal ħafna ħin ieħor.[118] Illum din il-funzjoni spiċċat u fil-knisja Ta' Ġieżu ssir funzjoni penitenzjali billi jitniżżel il-Ġisem ta' Kristu minn fuq is-salib u wara jiġi amministrat is-Sagrament tal-Qrar.

### Ħamis ix-Xirka

F'dan il-jum kien jintrama' wkoll is-Sepulkru (meqjus bħala l-qabar ta' Kristu). Dan kien jissejjaħ hekk għaliex quddiemu kien ikun hemm jew plattin tal-fidda jew qoffa bil-kelmiet *per il Santo Sepolrco* jiġifieri għall-qabar imqaddes.[119] Fl-Oratorju ta' San Ġużepp jintrama' Sepulkru verament sabiħ speċjalment meta jkun armat bil-fjuri u numru kbir ta' xemgħat. Sa ftit tas-snin ilu kien jintrama' bil-ġulbiena iżda din id-drawwa tidher li nqatgħet. Waħda mid-drawwiet li kienet issir fis-Sepulkru kienet il-borma. Din kienet tkun borma tal-fuħħar fejn fiha kien ikun hemm kull kwalita ta' ħwawar, riċetta antika li kellhom il-patrijiet li meta jibdew jgħallu t-taħlita fuq il-fuklar kienet tarmi riħa tfuħ li tfewwaħ l-Oratorju u anke l-knisja. Fost l-isbaħ Sepulkri li nsibu f'pajjiżna hemm dak tal-Katidral tal-Imdina fuq disinn ta' Pietro Paolo Troisi, disinn li kien lesta qabel is-sena 1727 iżda ma ġiex ippreżentat qabel 1751 sena wara li miet. L-esekuzzjoni ta' din l-opra artistika tħalliet f'idejn il-pittur Malti Francesco Żahra, fejn qabbad seba' artisti oħra miegħu fosthom Ġużeppi Buhagiar.[120]

Sibna dokumentazzjoni ta' x'kien isir fl-1832 f'dawn is-seba' visti. *Cosi il Giovedi Santo al dopopranzo i Confratelli vestiti del loro Sacco, nonche le Consorelle con altri numerosi fedeli, escono processionalmente dalla nostra Chiesa, per recarsi a visitare i cosi detti "Santi Sepolcri"*. Dan juri li fl-antik din il-funzjoni kienet issir filgħodu u wara nofsinhar kienu jorganizzaw il-

visti. L-Arċikonfraternità u l-Prokura tal-*Settimana Santa* kif kienet imsejħa f'dawk iż-żminijiet li llum msejħa Prokura tal-Ġimgħa l-Kbira, kienu jieħdu ħsieb il-funzjonijiet ta' dawn il-ġranet. Kienu jilbsu l-konfratija u jorganizzaw purċissjoni penitenzjali mal-Konsorelli u komunità kbira ta' nies magħhom fejn kienu joħorġu proċessjonalment mill-Knisja Ta' Ġieżu. Il-fratelli kien ikollhom salib sempliċi b'żewġ fratelli fuq kull naħa tiegħu b'żewġ torċi f'idejhom. Hawnhekk kienu jduru l-knejjes tar-Rabat u l-Imdina waqt li jirreċitaw u jikkontemplaw il-ħames misterji tat-tbatija tar-rużarju tal-Verġni Mbierka. Kull meta jaslu fi knisja jinżlu għarkupptejhom quddiem l-Artal tar-Repożizzjoni Mqaddes, fejn b'devozzjoni jaduraw lis-Santissmu Sagrament, kienu jibqgħu jitolbu sakem jingħatalhom sinjal mir-Rettur. Wara li kienu jtemmu dawn il-viżti kienu jidħlu fil-knisja Ta' Ġieżu fejn kienet issir prietka fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u tispiċċa bil-barka tal-immaġini tal-Kurċifiss.[121]



***L-Artal tar-Repożizzjoni, f'Ħamis ix-Xirka kif kien jiġi armat żmien ilu.***

**Il-Ġimgħa Jum il-Purċissjoni**

Il-jum tal-Ġimgħa l-Kbira kien jisbaħ f'luttu kbir. Kulħadd isum mill-kbir saż-żgħir filwaqt li kulħadd ixidd l-ilbies iswed kemm irġiel u kemm in-nisa. Il-bnadar jittajru mezz'asta u l-ħwienet kollha jdendlu faxxa sewda ma' kull waħda mill-bibien magħluqa. Sas-snin sittin dawk il-ħwienet tax-xorb li kienu jiffrekwentaw il-baħrin kienu jinżammu magħluqa.

Fl-imgħoddi f'ħafna villaġġi u bliet ta' Malta u Għawdex il-purċissjoni kienet issir jew l-Erbgħa tat-Tniebri jew f'Ħamis ix-Xirka. Il-quddiesa li tfakkar l-ikla tal-Mulej kienet issir filgħodu, filwaqt li filgħaxija, missirijietna kienu jorganizzaw il-purċissjoni. Iżda fl-1879, l-Arċisqof Carmelo Scicluna ordna riforma f'dawn il-purċissjonijiet fejn saħaq li dawn jibdew isiru fil-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira.[122] Fir-Rabat l-ordni tal-Arċisqof jidher li ma affettwat xejn għaliex skont dokumentazzjoni kien minn dejjem li l-purċissjoni issir il-Ġimgħa filgħaxija.

Għandna dokumentazzjoni ferm iddettaljata fl-Arkivju tal-Fratellanza, ta' x'kien isir fil-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-knisja Ta' Ġieżu tar-Rabat fl-1832. Ftit wara l-ħin ta' nofsinhar jibda r-rit liturġiku b'kant tal-innu *Vexilla Regis* li jfakkar it-tlett sigħat ta' Agunija ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara predikatur abbli jagħmel il-prietka msejħa tat-Tliet Sigħat dwar l-aħħar Seba' Kelmiet ta' Kristu fuq is-Salib. Dan kien isir quddiem Kurċifiss kbir f'nofs il-presbiterju. Kultant kien ikun hemm waqfien mill-prietka sabiex jitkantaw Responsorji mid-Divin uffiċċju ta' dik il-ġurnata. Meta f'xit-tlieta ta' wara nofsinhar tispiċċa l-prietka jibda jitniżżel il-korp ta' Kristu minn fuq is-salib dan kien isir minn tlett patrijiet lebsin l-istola sewda. Dan il-Kurċifiss kbir armat wieqaf f'nofs il-presbiterju ma jkollux tiżjin miegħu, u dirgħajh kienu jinżlu bħallikieku għandu l-ġogi. Wara l-korp ta' Kristu kien jinġarr mill-patrijiet mifrux fuq il-liżar. Dan kien isir biex jitfakkar l-inżul ta' Kristu minn Nikodemu u Ġużeppi t'Arimatija.[123] Wara n-nies preżenti kienu jqumu u jmorru jbusu l-pjagi ta' Kristu. Fl-aħħar tal-funzjoni kienu jibdew il-preparamenti biex tibda l-purċissjoni.

Illum il-ġurnata din il-funzjoni li tixbah ħafna dik li ssir l-Erbgħa, filwaqt li fil-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira, fi sbieħ il-jum isir it-talb tal-Qari tal-Uffiċċju, wara ssir Ċelebrazzjoni Solenni tal-Passjoni bil-qari tal-kelma t'Alla Adorazzjoni tas-Salib u tqassim tal-Ewkaristija.

**Referenzi**

[106] Mark Micallef. Andrew Borg. *Ilwien il-festi Maltin, vol* 2. p. 16.
[107] *Ibid.*
[108] *Ms. Atti ecc.* Arkivju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Ara ukoll Arkivju San Mark, Rabat fol 7.
[109] *Ibid.*
[110] Mark Montebello. *Dimech,* p.32.
[111] *Ms. Atti ecc.* Arkivju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Ara ukoll Arkivju San Mark, Rabat fol 7.
[112] Vincent Borg. *Marian Devotion in Maltese Diocesan Churches*. p. 105.
[113] Bonnici. p. 25.
[114] Scerri. p. 30.
[115] Informazzjoni miġbura minn Patri Gwardjan P. Pawl Galea O.F.M.
[116] Bonnici. p. 23.
[117] Guido Lanfranco. *Folklor.* p. 191.
[118] Episodji mit-tifkiriet tal-imogħddi li għaddha minnhom l-awtur.
[119] Alexander Bonnici. p.9.
[120] Biaġio Galea. *L-Imdina ta' Tfuliti.*
[121] Scerri. p. 30.
[122] Preżentazzjoni minn Alexander Bonniċi O.F.M.Conv. *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex.*
[123] *(Atti etc. nell'Archivio dei Consolidali).*



SUPER FRUIT
Fresh Fruit & Vegetables
Shop 1, Civic Centre
St. Catald Square, Rabat
Tel: 2745 9036

ATELIER DEL RESTAURO
CONSERVATION & SCIENTIFIC ANALYSIS OF WORKS OF ART

Dott.ssa Maria Grazia Zenzani | Valentina Lupo B. Cons. (Hons) | Simon Dimech B. Cons. (Hons)
Laboratory address | 17, Wesghet Marco Montebello, Mosta, MST 2030
79534766 / 79278777 info@atelierdelrestauro.com
www.facebook.com/atelierdelrestauromalta
www.atelierdelrestauro.com